**Stqarrija Stampa**

## L-NCPE tifraħ lil Dr Helena Dalli għan-nomina tagħha għal Kummissarju Ewropew

L-NCPE tifraħ lil Dr Helena Dalli għan-nomina tagħha għal membru tal-Kummissjoni Ewropea. Tul il-karriera politika twila tagħha, Dr Helena Dalli dejjem ħadmet għall-kisba tal-ugwaljanza fis-sens wiesa' tal-kelma; ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, għall-persuni LGBTI+ u għal minoranzi etniċi u reliġjużi, fost oħrajn. Xogħolha ġab bidliet storiċi f'pajjiżna u wassal għal riformi legali u soċjali li kellhom impatt prattiku u dirett fuq gruppi fis-soċjetà li jesperjenzaw diskriminazzjoni u inugwaljanza.

Għalhekk, in-nomina tagħha għal pożizzjoni daqshekk prestiġjuża fl-istituzzjonijiet Ewropej hija ta' sinifikat partikolari. L-NCPE hija konvinta li bħala membru tal-Kummissjoni Ewropea Dr Dalli ser tkun f'pożizzjoni aktar b'saħħitha sabiex tippromwovi l-ugwaljanza fl-Ewropa.

Huwa wkoll inkoraġġanti li permezz tan-nomina ta' mara għal din l-istituzzjoni Ewropea importanti, Malta ser tkun qed tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa.

**26 ta' Lulju 2019**